# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 57/2017: **ONOREVOLI A.I.C. ANTHONY BEZZINA (KI. 486069M) V. ALEANDER BALZAN**

(LIBELL - DANNI GHAL MALAFAMA - KAP. 248 ART. 28 – EXCEPTIO VERITATIS OSSIA IL-VERITA TAL-FATTI ALLEGATI – KRONAKA ĠUSTA – FAIR COMMENT - KUMMENTI ĠUSTI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**3 ta' Novembru 2021**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors tal-Onorevoli A.I.C. Anthony Bezzina ("ir-rikorrent") ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2017,

wara li rat ir-risposta ta' Aleander Balzan ("l-intimat") ippreżentata fl-20 ta' Marzu 2017[1],

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

---

[1] Fol 7

wara li rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali ppreżentata għan-nom tar-rikorrenti, mill-Avukat Joseph Zammit Maempel[2]

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Atti tal-bidu

1. Ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara illi l-artiklu intitolat "*Bezzina jivvinta fl-applikazzjoni*", il-kliem tas-sub-titolu *"Esperti jispjegaw xamma ta' applikazzjoni 'frodulenti'"* u l-artiklu kollu meħud fl-intier tiegħu kif ippubblikat fil-ġurnal "KullĦadd" (ħarġa tas-26 ta' Frar 2017), ta' liema gazzetta l-intimat huwa l-editur, huwa libelluż u malafamanti fil-konfront tiegħu u li jesponih għad-disprezz u redikolu tal-pubbliku. Il-Qorti ġiet mitluba tikkundanna lill-intimat iħallas dik is-somma li tiġi ffissata mill-Qorti f'ammont li ma jeċċedix €11,646.87 bħala danni għall-malafama b'applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-ispejjeż.

2. Fis-sustanza l-intimat ppreżenta l-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti, l-eċċezzjoni illi l-intimat għandu d-dritt u dmir illi jinforma lill-pubbliku dwar kwistjoni ta' interess pubbliku u politiku u li kwalsiasi limitazzjoni fuq dan il-jedd tkun leżiva tad-dritt fondamentali tiegħu tal-libertà tal-espressjoni, l-eċċezzjoni li l-artiklu jikkostwixxi *fair comment* fuq materja li hija fl-interess ġenerali u pubbliku u l-eċċezzjoni illi r-rikorrent għandu jipprova l-ħsara li allegatament sofra għar-reputazzjoni tiegħu.

3. Ir-rikorrent esebixxa mar-rikors tiegħu kopja tal-pubblikazzjoni lamentata kif dehret fil-gazzetta "KullĦadd" bit-titolu: "*Bezzina jivvinta fl-applikazzjoni* " u ssottolinea l-partijiet malafamanti:

   ***'Bezzina jivvinta fl-applikazzjoni.***
   - ***Esperti jispjegaw xamma ta' applikazzjoni "frodulenti".***
   - ***Biex jibni ODZ Toni Bezzina ħoloq kamra li ma' tidher imkien.***

   *... B'dak li kien hemm fl-art li ried jixtri biex jibni ODZ, id-deputat Nazzjonalista qatt ma' kellu ċans jikkwalifika għall-permess taħt xi waħda mill-policies tal-Awtorità' tal-Ippjanar. Iżda tant kien determinat li jibni villa fuq l-art naturali taħt l-Imdina, li*

---

[2] Fol 176

*mhux biss applika fuq martu iżda, fuq pjanti biex juri x'kien hemm fil-post, żied kamra ta' wieħed u tletin metru kwadru li setgħet tagħmel id-differenza kollha li kieku ma' nqabadx u l-applikazzjoni ġiet għad-deċiżjoni. Kamra li, fi kliem esperti li tkellmu magħna, setgħet tkun kruċjali biex Bezzina jkollu l-villa lussuża li xtaq...*

*... Biex Toni Bezzina seta' jkollu ċans remot li jibni skont il-politika rurali tal-Awtorità' tal-Ippjanar ried jipprova li xi darba fuq il-post kien hemm residenza ta' mitt metru kwadru.*

*Minn tagħrif li ksibna jirriżulta li f'dak li kien kwartieri tas-suldati fi żmien l-Ingliżi, Toni Bezzina ma setax jipprova li kien hemm mibni mitt metru kwadru.*

*Iżda, fil-pjanta li ssottometta biex jgħid x'kien hemm fil-post qabel l-1956, il-mitt metru kwadru Bezzina rnexxielu jgħaqqadhom.*

*Fuq is-sit li kien se jixtri jekk kemm-il darba kien joħroġlu l-permess biex jibni, Bezzina ħoloq kamra ta' 31 metru kwadru. Iżda, meta analizzajna r-ritratti tal-1957 u l-1967 deher biċ-ċar li fejn Bezzina mmarka l-kamra din ma kinitx teżisti.*

*Skont ir-ritratti antiki jidher li l-iktar li seta' kien hemm kienu erba' kmamar żgħar li Bezzina jsemmihom ukoll fl-applikazzjoni tiegħu. Waħda minnhom kien fiha tmien metri kwadri, l-oħra 22 metru kwadru u tnejn ta' 29 metru kwadru. B'dawn l-erba' kmamar żgħar, li llum huma bla forma, l-applikazzjoni ta' Bezzina ma setgħet qatt tkun ikkunsidrata għax kien hemm bini ta' 88 metru kwadru. Bini li Toni Bezzina argumenta li hu residenza għax xi darba fih kien jilqa' s-suldati.*

*Kien għalhekk li magħha żdiedet kamra ta' 31 metru kwadru li Bezzina pinġieha fil-pjanta iżda li fir-ritratti ma tidher ebda traċċa tagħha...*

*Il-Kap tal-Oppożizzjoni qed jiddefendi l-applikazzjoni ta' Toni Bezzina billi jgħid li kollox kien regolari u skont il-liġi. Iżda dawn il-fatti li qed niżvelaw qed iġibu fix-xejn id-difiża ta' Simon Busuttil li l-ħin kollu qed jisħaq li Toni Bezzina kien qed jaġixxi skont il-liġi u b'mod regolari.'*

**Liġi applikabbli**

4. Qabel xejn għall-finijiet ta' preċiżjoni għandu jingħad illi fl-14 ta' Mejju 2018, cioe' ftit iktar minn sena wara l-ftuħ ta' din il-kawża, daħal fis-seħħ permezz tal-Att XI tal-2018 il-Kap. 579 intitolat 'l-Att dwar il-Midja u l-Malafama'. Għalkemm b'effett mill-14 ta' Mejju 2018 ġie mħassar ukoll il-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta madanakollu ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 579:

*'l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar'*

5. Għaldaqstant huwa ċar illi huma d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 248 (L-Att dwar l-Istampa) li japplikaw għall-kawża odjerna.

**Il-fatti saljenti tal-każ kif jirriżultaw mill-provi**

6. Fl-4 ta' Novembru 2016 l-Awtorità tal-Ippjanar irċeviet applikazzjoni għal żvilupp minn mart ir-rikorrent bit-titolu *"Rehabilitation and restoration of existing almond grove and World War II living quarters and observation room. Proposed pool and new access."*[3] Din l-applikazzjoni li ngħatat in-numru uffiċjali PA/07854/16 kienet tikkonċerna żvilupp f'sit ġewwa Triq il-Belt Valletta, Mdina.[4] Ir-rikorrent daħal fuq konvenju biex jixtri dan is-sit suġġett għal numru ta' kundizzjonijiet fosthom il-ħruġ tal-permess tal-iżvilupp relattiv.

7. Qabel issottometta l-applikazzjoni r-rikorrent qabbad lil Perit Wendy Jo Mifsud sabiex tagħmillu interpretazzjoni tas-sit in kwistjoni u tħejji *Restoration Method Statement*[5]. Dan l-*iStatement*[6] ġie sottomess lill-Awtorità tal-Ippjanar mal-applikazzjoni. Fost affarijiet oħra r-*Restoration Method Statement* jindika s-segwenti:

   *"The Statement includes a brief history of the site in its local context, a detailed Condition Assessment of the historic structures consisting of living quarters and an observation post used during WWII; and a description of the rehabilitation, restoration and consolidation works involved.*

   *The aim of the project is to bring the remains of these historic structures to a good state of conservation and to integrate them within a project which will ensure their retention within their original context...*

   *The site lies off Triq ii-Belt Valletta, Rabat; below the Mdina hilltop on an eastward facing promontory, the tip of which has been developed for residential purposes to the east of the site and residential purposes to the west of the site ...*

---

[3] Fol 75
[4] Fol 76
[5] Fol 19
[6] Esebit bħala Dok AB2 a fol 31

*The remains of the ex-military structures indicate that their original design was based on the nissen hut, popular during wartime ...*

*The remains of the huts found at the site off Triq il-Belt Valletta, Rabat allude to the degree of flexibility allowed in the building of such military structures ... The method of construction used in the construction of these nissen huts shows the skill of local masons who succeeded in integrating the general principles of nissen hut construction into a local version which makes such structures particular to the Maltese Islands...*

*The military structures on the site in question seem to have been used both for observation purposes, evident from their location on a promontory within the precincts of the Mdina heights, and as living quarters for those responsible of carrying out such duties....*

*This strategic position was clearly made use of rather intensively since the presence of three buildings, with a fourth now entirely lost, indicate that the site was used as an observation post consisting of several structures buildings, including an observation post with supporting facilities consisting of a cookhouse kitchen/mess, dormitory/sleeping quarters and sanitary quarters. There are also the remains of a guard room at the entrance to the site...*

*The aerial photographs dating to a decade after the end of hostilities show the buildings without roofs and in danger of being overgrown by the higher vegetation on site...*

*An aerial photograph taken in 1957 shows the structures on site already without roofs, with evidence of low vegetation laid out in a grid pattern...*

*The site photographed In 1967 shows the structures from an oblique angle, clearly indicating that they have no roof and therefore subject to the elements...*

*The aerial photograph taken in 1978 shows increased undergrowth around the structures, engulfing them also from within causing severe structural damage, with the site otherwise unchanged during the preceeding ten years ...*
*It is to be noted that the site lies within an Area of High Landscape Value of Mdina as*

*published in Government Gazette 20_04_2001 and is located within the eastern escarpment as detailed in the North West Local Plan, 2006. In terms of heritage planning, it is outside the Rabat Urban Conservation Area and the remains of the ex-military structures are not listed under the Malta Scheduled Property Register...*

*The proposed development entails the dismantling of the huts and their rebuilding in a slightly offset location... The restoration of the WWII structures would require ... re-building of the remains of masonry structures in their original format... The new interventions to be built on site would require ... excavation and construction of a basement; Addition of a connecting new-build ...*

*Aesthetically, the addition will be clearly identifiable as such, with plastered walls and glass inserts juxtaposed against the rusticated masonry blocks of the older structures.*

*... the result of the intervention will be the rehabilitation, conservation and consolidation of the remains of the of the World War II living quarters and observation post and the integration of these structures within a contemporary development which will ensure their future preservation and adaptive re-use."*

8. Sussegwentement u ċioe fis-26 ta' Jannar 2017 is-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali ħarġet *no objection letter* liema ittra tindika *inter alia* s-segwenti:

"*Second World War structures consisting of living quarters and an observation post are located within the footprint. These historic structures are in a very poor state of conservation. The application is proposing to carefully dismantle these structures and relocate them slightly...*

*The Superintendence does not object to the proposed development application on condition that the following provisions are implemented:*
*1. works arc to be carried out in keeping with the approved Restoration Method Statement;*
*2. any ground disturbance is to be archaeologically monitored in keeping with the monitoring conditions below."*[7]

9. Il-Ħadd 12 ta' Frar 2017 ħarġet aħbar f'gazzetta lokali dwar l-applikazzjoni tar-rikorrent. Il-Kap tal-Opposizzjoni ta' dak iż-żmien, **Dr. Simon Busuttil**, bagħat għar-rikorrent bħala Membru Parlamentari sabiex jitolbu spjegazzjoni:

---

[7] Fol 44

*"L-ewwel nett jiena tlabt lil Toni jispjegali jekk b'dak li ghamel kien hemmx xi irregolarita' kwalunkwe. U Toni kkonfermali li l-applikazzjoni tieghu kienet ghal kollox timxi skont il-policies dak iz-zmien. Jidhirli li xi sentejn qabel, il-Gvern attwali, il-Gvern ta' dak iz-zmien, xorta Gvern Laburista kien biddel il-policies fuq ODZ u ppermetta li jsiru applikazzjonijiet bhal ma' kien ghamel Toni. Dika ghalija kienet l-aktar punt krucjali bhala Kap tal-Partit ghaliex li kieku l-applikazzjoni ma kenitx regolari, allura kieku kont niehu certu decizjonijiet. Minkejja li Toni qalli li l-applikazzjoni kienet regolari, jiena fakkartu li konna ghadna kif hrigna policy dwar l-ambjent li fiha ghamilniha cara li ahna irridu bhala Partit nipprotegu zoni ODZ u li ghalkemm dak li kellna f'mohhna kienu progetti f'meddiet ta' art ODZ kbar, fosthom Zonqor biex niftehmu, kontroversja li kienet titratta disghin elf metru kwadru, ghidtlu minkejja li inti qed titkellem fuq progett zghir ta' dwelling, xorta din tista' tidher illi tikkonfliggi ma' dak li qeghdin nghidu. Igifieri minkejja li l-applikazzjoni hija regolari, jiena tlabtu biex jirtiraha ghaliex politikament kienet tkun imbarazzanti inkella, jiena hassejt ghal Partit Nazzjonalista. Toni qalli li kien se jitkellem mal-mara tieghu, hareg dak il-hin stess mill-ufficcju u tkellem mal-mara tieghu permezz tat-telephone, rega' dahal u qalli ok jiena lest nirtiraha."*[8]

10. L-applikazzjoni ġiet irtirata fis-17 ta' Frar 2017.[9] Sussegwentement ir-rikorrent ħareġ mill-konvenju għax-xiri tas-sit in kwistjoni.[10]

11. Fis-26 ta' Frar 2017 fil-gazzetta KullĦadd, li tagħha l-intimat huwa l-editur[11], ġie ippubblikat l-artikolu (miktub mill-editur innifsu) lamentat fuq il-faċċata (u jkompli fit-tielet paġna) tagħha bit-titolu b'tipa kbira jaqra: ***"Bezzina jivvinta fl-applikazzjoni."*** Żewġ sottotitoli ukoll fuq il-faċċata jaqraw kif ġej: "*Esperti jispjegaw xamma ta' applikazzjoni "frodulenti". Niżvelaw dettalji li jġibu fix-xejn id-difiża ta' Simon Busuttil".* Imbagħad fit-tielet paġna fejn ikompli l-artikolu, ġie ppubblikat it-titolu ukoll b'tipa kbira bil-kliem ***"Kreattiv biex iġibha żewġ"*** u immedjatament taħtha sottotitolu bil-kliem *"Biex jibni ODZ Toni Bezzina ħoloq kamra li ma' tidher*

[8] Fol 91
[9] Fol 79
[10] Fol 26
[11] Fol 56

*imkien".*[12] Tlett ijiem wara, sewwasew nhar l-Erbgħa 1 ta' Marzu 2017, ġiet miftuħa l-kawża odjerna.

**Żvilupp ODZ**

12. L-ippjanar tal-iżvilupp huwa regolat mill-pjanijiet, *policies* u regolamenti, li huma ppreparati u emendati minn żmien għal żmien skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta.[13] Jekk applikazzjoni għal żvilupp tintlaqax jew le jiddependi għalhekk minn kemm il-proposta tkun konformi mal-parametri dettati mill-*Planning Policies* rilevanti li jkunu in vigore. Dawn il-*policies* għandhom bħala skop fost affarijiet oħra dak li jiggwidaw lil min għandu jiddeċiedi, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, sabiex jagħmel hekk b'mod raġjonevoli u b'mod konsistenti.

13. Peress illi dawn il-*policies* jirregolaw mhux biss temi u aspetti differenti tal-iżvilupp iżda huma ukoll f'parti kbira minnhom applikabbli biss għal lokalita jew lokalitajiet partikolari fil-Gżejjer Maltin, min għandu jiddeċiedi għandu l-ewwel u qabel xejn jidentifika liema minn dawn il-*policies* huma applikabbli għall-proposta tal-iżvilupp li jkollu quddiemu. Darba jagħmel dan imbagħad ikun imiss li jwettaq l-iktar biċċa xogħol iebsa tal-proċess u dan billi ikun irid japplika il-*policy* jew *policies* rilevanti għaċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ sabiex fl-aħħar mill-aħħar jiddeċiedi jekk l-applikazzjoni tkunx waħda konformi jew le u għalhekk jekk għandiex tintlaqa' jew le. F'kull stadju tal-proċess id-deċiżjonijiet jittieħdu minn diversi persuni li lkoll ikollhom kompetenzi differenti. F'proċess tipiku għal applikazzjonijiet bħal dik mertu ta' din il-kawża, inizjalment l-applikazzjoni tiġi meqjusa minn *Case Officer* assenjat għall-każ fi ħdan l-uffiċċju ċentralizzat li jipprovdi l-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità u dan jkollu l-inkarigu li jirrakkomanda lill-Kummissjoni tal-Ippjanar dwar jekk l-applikazzjoni għandiex tiġi milqugħa jew inkella għandiex tiġi miċħuda. Jiġu reġistrati ukoll l-oġġezzjonijiet u/jew il-posizzjoni li jistgħu jkollhom xi individwi, għaqdiet ambjentali jew awtoritajiet dwar l-applikazzjoni. L-istess Kummissjoni imbagħad tiddeċiedi jekk għandiex fost affarijiet oħra tilqa' jew le l-applikazzjoni in kwistjoni. L-applikant ikollu ukoll id-dritt li jappella minn din id-deċiżjoni (dritt riservat ukoll lill-Awtorità) quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

---

[12] Fol 2-3
[13] Art. 40, Kap. 552

14. L-applikazzjoni mertu ta’ din il-kawża kienet titratta żvilupp f’żona barra mill-iżvilupp. Fiż-żmien li r-rikorrent ried jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu fis-seħħ kien hemm (u għad hemm sal-ġurnata tal-għoti ta’ din is-sentenza) ir-**Rural Policy and Design Guidance** liema dokument ġie ippubblikat f’Lulju 2014. Fost l-iskopijiet ta’ din il-*policy* hemm dik segwenti:

*‘The spirit of this document is to allow whoever genuinely needs to upgrade or redevelop an existing building or to construct a new one outside the development zone, in conjunction with its use. This policy is to be used by the deciding board as a basis of its decisions. However there may be particular circumstances where there is also a genuine need for more than the minimum thresholds and, conversely, where a more restrictive approach has to be adopted to the proposed development. Proposals which are not addressed by this Policy document may be considered on their own merits by the relative entities if it is felt that the proposal will generate an improvement or negative effect to the area where it is located.’*[14]

15. F’dan id-dokument, ta’ rilevanza għall-applikazzjoni in kwistjoni, hemm żewġ *policies* partikolari (i) **Policy 6.2A: Rehabilitation and Change of Use of Existing Buildings of Architectural, Historical (Not Scheduled), Vernacular, or of other significance ODZ**, u (ii) **Policy 6.3: Extensions to Existing Dwellings ODZ.**

16. F’Policy 6.2A insibu s-segwenti:

*‘Permission may be granted for the rehabilitation of an existing building located outside development zone, provided that all of the following criteria are satisfied:*

*(1) the applicant can sufficiently prove that the building is covered by development permission, or that it is a pre-1978 building;*

*(2) the converted building shall be limited to:*

> *a) a use already legally established and/or covered by a development permission; or*

---

[14] Rural Policy and Design Guidance, 2014 – Scope 0.2

*b) any new use permitted by this policy document, subject to the respective criteria; or*
*c) any other use that would lead to an overall improvement to the area and/or the agricultural sector and/or animal welfare; or*
*d) a dwelling (even if the former use was not residential), provided the existing building to be converted has a minimum habitable area of 100m² (habitable area refers to the roofed internal space between walls), provided the site is already serviced by a road network that would adequately cater for the proposed residence; or*
*e) more than one dwelling provided that each unit can be accommodated with a minimum habitable area of 150m² (habitable area refers to the roofed internal space between walls), provided the site is already serviced by a road network that would adequately cater for the proposed residences.*

*(3) the proposal does not involve substantial lateral or vertical extensions and/or substantial re-building;*

*(4) the use of the building shall be subject to prior consultation with the Departments/Authorities responsible for regulating such use; and*

*(5) the use does not involve warehousing and/or industrial activity, unless the building is already covered by a valid licence for such use; and*

*(6) any existing trees and shrubs within and around the site shall be cared for and retained, and if no such vegetation exists, soft landscaping shall contain a number of trees and shrubs of at least three different indigenous species, planted in clusters…'*

17. F'Policy 6.3 insibu s-segwenti:

*'Permission may be granted for a limited extension to an existing dwelling outside development zone, provided that all of the following criteria are satisfied:*

*(1) the building is not of architectural, historical, vernacular or other significance, and/or is not scheduled, in which case it shall be assessed on the basis of Policy 6.2A and 6.2B;*

*(2) the proposed extension is of a compatible design and must respect the rural context. Scheduled locations (Class A or Class B Area/Site of Archaeological Importance, and/or Level 1 or 2 Area of Ecological Importance/Site of Scientific Importance) are in principle considered inappropriate locations, unless it can be duly demonstrated through the necessary assessment, that the development does not compromise the site scheduling characteristics;*

*(3) the applicant can sufficiently proof that:*
*a) the property in question has been used as a residence prior to 1992 or*
*b) the dwelling is covered by a development permission, or dates back to pre-1978;*

*(4) the dwelling can be extended up to a maximum floor space of 200m2; and*

*(5) the scale, massing and design of the extension shall:*
*a) not visually dominate the existing dwelling; and*
*b) be acceptable in the wider landscape setting of the site;*

*(6) extensions to existing dwellings ODZ made prior to October 1994 may be regularised, provided that all the conditions of paragraph (5) are respected.*

*A basement completely below ground level may be permitted provided it does not extend beyond the footprint of the building and is accessible internally.'*

**Provi**

18. Fix-xhieda tiegħu r-rikorrent **Perit Anthony Bezzina** saħaq illi ma' kienetx vera l-asserzjoni tal-artikolista u editur intimat illi huwa kellu ta' bilfors jipprova li xi darba fuq is-sit in kwistjoni kien hemm residenza ta' mitt metru kwadru. Xehed illi filfatt kien hemm numru ta' *policies* li kienu japplikaw għall-applikazzjoni tiegħu. Huwa ċaħad għal kollox ukoll l-allegazzjoni prinċipali illi huwa vvinta kamra ta' 31 metru kwadru fi pjanta sottomessa mal-applikazzjoni sabiex ikun jista' jissodisfa l-kriterju, meqjus indispensabbli skond l-artikolista, li xi darba fuq is-sit kien hemm residenza ta' mitt metru kwadru:

*"Issa kif ghidt diga' mill-aerial photo... mill-aerial photo tan-1957 jidher car li hemm struttura fl-entratura tas-sit igifieri l-aerial photo li ssottomettejt diga'... l-ewwel dokument tidher cara din l-istruttura fis-sit u anke gie dokumentat fir-restoration method statement. Ir-restoration method statement ukoll gie dokumentat li kien hemm kamra fl-entratura tas-sit... Hemm bieb zghir u magembha ezatt mal-entratura*

*kien hemm kamra li tidher mill-aerial photos tal-'57. Kif ghidt diga' anke l-prezenza ta' dil-kamra kienet ukoll ikkonfermata u ddokumentata wkoll fir-restoration method statement u ghalhekk l-allegazzjoni li qed taghmel il-gazzetta Kulhadd hija infondata u bla bazi."*[15]

19. Ir-rikorrent esebixxa numru ta' *aerial photos* meħuda mill-Awtorità stess u dawn juru s-sit in kwistjoni fl-1957 u fl-1967. Fir-ritratt esebit a fol 30 tal-proċess ir-rikorrent immarka b'ċirku isfar il-parti fejn skond l-intimat ir-rikorrent ivvinta kamra sabiex jaġevola l-applikazzjoni tiegħu. Min-naħa tiegħu r-rikorrent insista li din il-kamra fil-verita' hemmhekk kienet tal-inqas fl-1957.

20. Ir-rikorrent għal darb' oħra saħaq fix-xhieda tiegħu illi:

*"apparti kif ghidt diga' din il-kamra tidher cara fl-aerial photos tan-1957 li ssottomettejt kif ukoll qieghda dokumentata fir-restoration method statement li ssottomettejt ukoll, il-prezenza jew le ta' din il-kamra ma kien se jkollha l-ebda eżitu ... fuq l-ezitu tal-applikazzjoni ghas-semplici raguni li anke kif ghidt fil-bidu tax-xhieda tieghi ir-requirements ma kinux jorbtu anke mal-area f'dan il-kaz partikolari ta' x'hemm u x'mhemmx kmamar ezistenti fuq is-sit."*[16]

*"ghal din l-applikazzjoni partikolari, galadarba is-sit kien diga' living quarters, il-kwistjoni tal-mitt metru kwadru ma tapplikax. U dan li kien living quarters kien ippruvat kemm ir-rapport minn espert li sar pero' wkoll mis-supretendenza, li hi l-awtorita' li tiddeciedi fuq wirt kulturali u taghmel ir-rakkomandazzjonijiet taghha lill-Awtorita'. Igifieri din... din li qed jghidu li nkludejt xi kmamar inezistenti biex ingib l-ammont ta' mitt metru kwadru hija nfondata wkoll u malafamanti"*[17]

21. Huwa insista illi rtira l-applikazzjoni mhux għax kien hemm xi ħaġa irregolari jew kontra l-liġi iżda "*għas-sempliċi raġuni li ma' ridtx li jużaw lili biex jattakkaw il-Partit Nazzjonalista"*[18]

---

[15] Fol 22
[16] Fol 24
[17] Fol 26
[18] Fol 28 u ukoll Fol 54

22. Ir-rikorrent esebixxa s-*site plan* u xi pjanti oħra li kienu ġew sottomessi mal-applikazzjoni.[19] Fi kliemu l-pjanta tal-iżvilupp propost jindikaw:

*"bejn wiehed u iehor li anke l-footprint b'addizzjonijiet zghar qieghda fuq l-istess strutturi li kien hemm qabel...Pjanta ohra li hemm wara tindika anke l-faccati, l-proposti tal-elevations u hekk fejn jidher car illi kien se jkun hemm xoghol ta' restawr ukoll fuq il-proposta, tant illi partijiet mill-binja li kien hemm biex nghid hekk, ġebel nieqes, kien ha jsir cladding tal-hgieg biex jindika fejn dak li kien hemm fi zmien il-gwerra u jibqa' jkun hemm definition ezatta ta' x'kien hemm u x'kien ha jkun hemm illum. U anke mbaghad il-pjanta ta' wara tidher section fejn hu car jindika li mal-giex nahat tas-sit hemm bini li kien qieghed gholi iktar ukoll minn dak li kien propost"*

23. Il-**<u>Perit Ian Cutajar</u>**, prodott mir-rikorrent, xehed fis-seduta tas-26 t'April 2018 illi għad li ma' kellux x'jaqsam xejn mal-proġett in kwistjoni, bħala perit ta' esperjenza fis-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal żvilupp lill-Awtorità, wara li ħares lejn id-dokumenti in kwistjoni huwa kien tal-fehma illi l-applikazzjoni setgħet addirittura taqa' taħt tlett *policies* differenti:

*"Voldieri mhux wahda, li wahda hi bizzejjed biex tghaddi l-applikazzjoni. Jien ghalija kien hemm tlieta fejn jista' jikkwalifika ghal dar hemmhekk li hija finalment ir-rural policy ovvjament, 6.2A, 6.2B... sorry… 6.2C. Il-B ma tapplikax. U d-Development Planning Act li jghidlek tara ikollhomx, mhux bilfors il-policies. Wahda li kienet residenza, kienet ghal skop residenzjali, fis-sens li dina kienet living quarters hemmhekk, milli rajt fl-applikazzjoni. La kienet living quarters ma ghandek bzonn xejn izjed. Inti tista' tapplika. Jekk din m'ghadhiex tintuza tista' taghmlilha rehabilitation. Tista testendiha, hemm policies apposta biex tkun tista' testendi, u din jekk kient diga' ghal skop residenzjali m'ghandek bzonn ebda kobor. Hemm il-prova tar-residenza. Hija residenza jew kienet residenza. It-tieni wahda, policy, jekk ma kenitx residenza xorta tista' taghmilha residenza taht certu kundizzjonijiet. U hemm indikat f'dak l-artiklu. Jekk ikollok hundred square metres, internal, u din tkun ta' certu pregju, mhux ghax ghandi binja, kwalunkwe binja… jekk ghandi one hundred metres nista' nghid lil MEPA, isma' din biex tigi konservata, tihieli residenza biex inkun*

[19] Fol 64-69

*nista' nirrestawraha. Pero' trid tkun hundred metres u ta' certu pregju. Tista' tkun l-aqwa pregju imma jekk tkun izghar minn hundred square metres ma tikkwalifikax. U milli rajt, mid-dehra, mill-aerial photos hemm żewġ residenzi, wahda 'l hawn u wahda 'l hemm u infill site. Il-MEPA kien hemm kazi, anki fejn tkun infill site, anke jekk ma jkun hemm xejn, ukoll taghti avolja f'dan l-audit iltqajt ricenti ma' kaz… dar hawn u dar hawn, infill site bejniethom u taghthom. Ghalhekk ghidt fuq tlett kazi jikkwalifika seta'… wahda minnhom bizzejjed, ma hemmx ghalfejn it-tlieta li huma."*[20]

24. Fir-rigward tal-*aerial photos* esebiti mir-rikorrent, ix-xhud kkonferma li għalih jidher li kien hemm kamra fil-parti kontestata:

*"Hemm xi kmamar fuq… hemm li jidhru li huma ta' pattern regolari, igifieri kwadru. Hemm kamra ohra isfel li naf li hija s-suggett ta' kontestazzjoni u l-kamra ta' isfel ghandha highlighter isfar hawnhekk. U jien ghalija hija kamra ukoll dik. Hija kamra… qed nghidha b'responsabbilta, fis-sens li x'hin tara u tqabbel il-features taghha, jien ninterpretaha bhala kamra. Ghar-ragunijiet li one, hemm id-dell konformi mal-kmamar. Id-dell qieghed fuq in-naha tax-xellug allura hija struttura gholja, m'hijiex semplici minn xi rubble baxx. Filfatt, il-hajt tas-sejjiegh ftit 'l isfel minnha qieghed kartabun maghha mhu qed jitfa' ebda dell u allura sinjal li hu hajt baxx. Pero' wiehed jista' jghid, isma' jista' jkun munzell gholi. Pero' lanqas m'ghandek tqabbel ghaliex il-pattern tas-saqaf taghha jidher illi huwa lixx. Fis-sens, kieku kien rubble, tara l-hitan tas-sejjiegh, kollha jkollhom id-dellijiet go fihom. Ghax… Dan huwa dritt, dan huwa lixx, id-dawl fuqu huwa uniformi u allura hu pjuttost lixx. Jien kelli okkazjoni nara wkoll tas-'67 ghax ovvjament kif ghidt huma dokumenti li jinsabu… Tas-'67 li jigu the next aerial photos ta' wara, f'dik il-kamra partikolari waqa' s-saqaf. Fis-sens li waqa' l-hajt ta' barra u s-saqaf m'ghadux jidher. Fis-sens jekk ghandkom fil-file huwa car, wiehed jista' jarah. Borg gebel ma setghax ikun ghaliex one, jidher li huwa lixx, ejja nghidu li ma kienx ippustjat sew, imma borg gebel jaqa' kollu se mai, ma jaqaghlux il-hajt, u s-saqaf waqa'. Voldieri f'tas-'67 wara din hija cara."*[21]

25. Ix-xhud reġa kkonferma illi fi kwalunkwe każ: *"jekk wiehed telaq li kien hemm residenza, lanqas dik il-kamra ma kellu bzonn. Ghax la darba tkun residenza,*

---

[20] Fol 82-83
[21] Fol 84-85

*konoxxuta u legali, ghax tmur lura certu zmien, inti tista' tkabbar sa two hundred square meters"*[22]

26. Mhux tal-istess fehma kien **Raymond Attard**, Assistent Direttur mal-Awtorità tal-Ippjanar fis-sezzjoni ta' *Land Survey, Mapping and Information Resources*. Dan xehed fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2019 illi huwa kien ġie inkarigat mis-CEO ta' dak iż-żmien, Johan Buttigieg, sabiex jiċċekkja jekk f'żona partikolari kienx hemm xi forma ta' bini u dan senjatament billi jħares lejn ritratti mill-1967 lura. Huwa uża żewġ ritratti partikolari u ċioe wieħed tal-1967 u l-ieħor tal-1957. L-interpretazzjoni saret permezz ta' apparat li għanda l-istess Awtorità. Huwa kkonferma illi wara li wettaq dan l-eżerċizzju huwa fl-ebda ħin u fl-ebda mument ma' sab li f'dik iż-żona partikolari (immarkata b'ċirku isfar fir-ritratt a fol 30 tal-proċess) kien hemm xi forma ta' kostruzzjoni fil-passat.[23]

27. In kontroeżami fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2020 l-istess xhud ippreċiża illi fiż-żona in kwistjoni kien hemm ħitan tas-sejjieħ u bil-kelma "kostruzzjoni" huwa ried ifisser binja. Skond hu ma' kien hemm l-ebda binja. Meta ġie mistoqsi x'kien jara li kieku darba kien hemm binja u waqa' s-saqaf tagħha huwa wieġeb hekk:

*"Ippermettieli. Mhux l- ewel darba li naraw bhalma qed tghid inti pero' tkun enclosed quarter u effettivament is- saqaf ikun jidher, generalment meta jkun hemm saqaf fir-ritratt jirrifletti abjad. Pero' meta jaqa' generalment ikun iswed."* [24]

28. Ir-rapport intern ta' Raymond Attard ġie esebit minn **Johan Buttigieg** fix-xhieda tiegħu tal-4 ta' Frar 2019[25]. F'dan ir-rapport hemm indikat *inter alia* s-segwenti:

*'Size, shape and shadow are three main elements that are used in carrying out aerial photo interpretation. Man-made features are easily identifiable on aerial photographs as most features follow common geometrical shapes, such as rectangles, squares, circles or arcs, thus determining the size and shape of buildings. As most remotely sensed data is captured during the daytime, the sun's location during photogrammetric capture will produce the element of shadow on all features in the image, being both manmade*

---

[22] Fol 85-86
[23] Fol 104
[24] Fol 142E
[25] Fol 124-125

*and natural.*

*These three elements where all used when the area in question was studied. Document B is the result of the interpretation of the 1967 aerial images and referring to same, there is no evidence that any form of building existed when the aerial photographs were captured. The detail drawn on Document B is self explanatory, with trees/vegetation, ramp and an edge being the predominant features of the area in question.*

*Since from the 1967 it was evident that there was quite some vegetation, the 1957 aerial photographs were also used to determine if there had been any man-made structure built on the particular site. Document C is the result of the interpretation of the 1957 aerial images and referring to same, no evidence of any building/s where visible when the aerial photography were captured.*

*To further strengthen the above, past survey sheets produced by the 1957 and 1967 aerial images were also consulted. Documents D and F show the survey sheets used, while Documents E and G show enlarged image of the area in question. No structure building is visible in the area.*

*5. Conclusion*

*From the documentation available there is no evidence that a man-made structure existed in the area of study.'*

29. Ix-xhud Johan Buttigieg xehed fl-istess seduta illi fost l-*objections* li l-Awtorità rċeviet għall-applikazzjoni in kwistjoni kien hemm waħda mill-NGO "Din l-Art Ħelwa" li kienet tgħid hekk:

*"The existing commitment consists of three small independent rooms. The description is deceiving as it does not mention the construction of a new dwelling. In addition to the dwelling a large portion of the property is proposed to have formulized hard landscaping which can be described as a large driveway into the property and the property outdoor paved areas. Din l- Art Helwa is against the creations of new dwellings in ODZ. Should any development be considered the minimum cumulative areas should be of 100 square metres as per policy 6.2 of the rural policy design guidelines of 2014. In order to warrant possible redevelopment into a dwelling, considering the matters*

*discussed above Din L-Art Helwa finds the proposal objectionable and would like to be informed about any progress concerning this application"*[26]

30. Huwa spjega illi bħala Executive Chairman tal-Awtorità huwa kien talab rapport intern mingħand Raymond Attard għaliex huwa jagħmel dan kull fejn ikun hemm każ *"daqxejn dubjuz jew inkella jkun hemm PEPs jiena nitlob certu verifiki biex naghmilhom jien il-verifikazzjonijiet. Eh u prattikament tlabt dan ir-rapport fejn tlabthom jghiduli ezattament x'kien hemm ezistenti tul iz-zminijiet"*[27]

31. L-intimat **Aleander Balzan** xehed fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2018 illi ftit ta' żmien qabel ma' kiteb l-artikolu:

*"Ingibditli l-attenzjoni bhala gurnalist, editur tal-gazzetta Kullhadd illi ġieli anke qabel gieli kkummentajt dwar dan u ovvjament l-attenzjoni tingibidlek minn bnadi differenti. Kemm ikellmuk nies li forsi ghandhom bicca raba fl akwata u jkellmuk anke nies, f'dan il-kaz mill-Partit Nazzjonalista illi jkunu jridu jaghtuk dan it-taghrif ghaliex ikunu rrabbjati b'dak li jkunu qeghdin jaraw u propju ghaliex l-applikazzjoni kienet issejjah il-familja tad-deputat Toni Bezzina illi ftit tal-gimghat, xhur qabel kien ghadu kif kien wiehed mill-awturi fuq dokument fuq il-qasam ambjentali fejn kien jitkellem car li applikazzjoni ODZ ghandha titqies bhala applikazzjono ODZ. U allura jiena ħassejt li ... u ghadni nemmen hekk sal-lum illi huwa fl-interess pubbliku dik l-attenzjoni tingieb ... tkun pubblikata biex wiehed ikun mgharraf dwarha. Aktar minn hekk jiena rrapurtajt ukoll dwar diskrepanzi illi jiena kont innutajt bejn dak li kien hemm fir-ritratti tal-Awtorita tal-Ippjanar tas-'57 u tat-'62 jekk mhux sejjer zball u dak illi kien qed jipprova jiggustifika fl-applikazzjoni. Allura jiena hassejt illi dak ukoll kien fl-interess pubbliku u hemmhekk ukoll irrapurtajt f'artikli fil-jiem u fil-gimghat ta' wara fejn komplejt ninvestiga din l-istorja. Ovvjament kont kif tghid, vindikat, bil-fatt illi l -applikant innifsu kellu jirtira l-applikazzjoni u allura nahseb illi jiena hemmhekk kont ippruvat korrettament kemm verament l-istorja kienet wahda gustifikata u fl-interess tal-pubbliku illi tkun pubblikata."*[28]

32. In kontroeżami fl-istess seduta l-intimat reġa saħaq illi:

---

[26] Fol 116
[27] Fol 118
[28] Fol 95-96

*"L-applikazzjoni biex tikkwalifika ghal permess ta' zvilupp kellha bżonn mitt metru kwadru ta' zvilupp illi kien diga' qieghed hemmhekk. Il-kmamar illi indika b'mod car illi setghu kienu hemmhekk kellhom tmienja u tmenin metru kwadru. L-applikant zied kamra fid-dahla tal-ghalqa ... sejhilha li trid, jiena ghalija li mort fuq il-post niehu r-ritratti, ghalija dik hija ghalqa. Emm ... tizdied kamra fil-bidu fejn kien fiha jekk mhux sejjer zball tlieta u tletin metru kwadru u allura din il-kamra kienet strumentali biex l-applikant seta' jikkwalifika skont il-policy u allura ehe, daka kienet qed tizvijja l-Awtorita' tal-Ippjanar... ghalija dik kienet game changer ghaliex hawnhekk kellek persuna pubblika li pruvat taghmel dina l-manuvra biex tikkwalifika taht policy*."[29]

33. Fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2020 l-intimat ukoll in kontroeżami saħaq illi:

*"Il-kwistjoni tal- one hundred square meters (100 sq/m) kienet centrali fl- artiklu ghaliex l- applicant kien qieghed jargumenta illi kien hemm one hundred square meters (100 sq/m) meta ma kienx hemm."*[30]

Meta ġie mistoqsi minn fejn kien fehem li l-applikazzjoni kienet saret fuq policy partikolari, l-intimat wieġeb:

*"L-applikant prova jaghmel sforz biex juri li hemmhekk kien hemm certu bini...Illi hemmhekk kien hemm certu bini u ma kienx hemm. U jidher car li dak l- isforz sar biex l- applikazzjoni tidhol fil-loghba ... Tohrog mill- fatt illi l- applikant hemmhekk prova juri li hemm bini fejn ma kienx hemm. U allura kienet cara illi kien qed juza dik il- parti tal- policy biex l-application ma tkunx non starter"*[31].

34. Fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2020 fil-kontinwazzjoni tal-kontroeżami tiegħu l-intimat reġa xehed:

"*Illi fl- ODZ hemm numru ta' policies, jiena l- artiklu tieghi kien ibbażat fuq il- policy 6.2. Hemm numru ta' punti. In- numru tnejn (2) jghid: 'The converted building shall be limited to', u jaghti numru ta' affarijiet illi irid ikun hemm jekk kemm- il darba inti trid tibni f' dan il- kuntest. U wahda minnhom u min kif zviluppat l-applikazzjoni tal- Perit Bezzina kien car hafna li ghalih kienet importanti hafna tant li fir-rapport li kien hemm fil- pjanti li kien hemm sar sforz qawwi li jikkwalifika ghal dak il-punt.*

[29] Fol 98
[30] Fol 154
[31] Fol 155

*Hija l- punt ta' mitt (100) metru kwadru...Fl- applikazzjoni, ha nsejjahlu sforz jew hemm prezentazzjoni illi kienet qed taghti l- impressjoni, kienet qed tiggustifika l- applikazzjoni bhala wahda illi taqa' wkoll taht is- 6.2 D. U li fil- kaz tieghi rajt car mill- ewwel illi dawk iz- zewg ritratti tal- fifty- seven (57) u tas- sixty- seven (67) kienu juru car illi dik il- kamra tat- tletin (30) metru kwadru illi kienet meqjusa mportanti biex jinghaqdu l- mitt (100) metru kwadru ma kinitx hemm. Li kieku f' din l- applikazzjoni l- mitt (100) metru kwadru ma kinux importanti, u dak l- argumentazzjoni anke fl- artiklu, jien nistaqsi ghaliex f' post fejn hu evidenti jekk tmur illum, f' post fejn hu evidenti jekk tara l- fifty- even (57) u s- sixty seven (67) ma kienx hemm kamra ghaliex inholqot kamra tat- tletin (30) metru kwadru. L- ikbar wahda mill- kumpless ta' hamsa jekk ma tridx*."[32]

**Konsiderazzjonijiet**

35. Lill-Qorti jirriżultalha illi mal-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrent (jew aħjar minn martu) sewwasew fir-*Restoration Method Statement,* il-Perit ingaġġat mir-rikorrent kienet iddeterminat illi l-istrutturi militari fuq is-sit in kwistjoni kienu jidhru li kienu ġew użati kemm bħala post minn fejn setgħet issir osservazzjoni u kif ukoll bħala *"living quarters for those responsible of carrying out such duties*".[33] L-istess Perit semmiet illi fis-sit hemm tlett binjiet eżistenti u kien hemm binja li però ntilfet maż-żmien. Semmiet ukoll illi kien hemm *"the remains of a guard room at the entrance of the site*". Hija din tal-aħħar il-kwistjoni li qajjmet tant furur f'din il-kawża peress illi skond l-intimat, din ma' kienet xejn ħlief ħlieqa jew invenzjoni tar-rikorrent sabiex jaġevola l-applikazzjoni tiegħu b'mod li jinxtamm "frawdolenti". Fir-rapport jissemma ukoll illi fl-1957 il-villa li tmiss mal-lvant tas-sit kienet diġa nbniet u kif ukoll il-bini residenzjali fuq in-naħa tal-punent tas-sit. Fir-rigward tal-*guard room* imsemmija, ir-rapport jgħid ukoll b'riferenza għall-*aerial photo* meħud fl-1967 illi: *"The vegetation had grown during the ten years since the last aerial photograph had been taken and the trees long the eastern boundary seem to have engulfed the easternmost building on the site"*[34]

Jissemma ukoll fl-istess rapport illi s-sit huwa 'l barra mill-*Urban Conservation Area* tar-Rabat u li l-istrutturi in kwistjoni ma' kienux skedati.

[32] Fol 165
[33] Fol 34
[34] Fol 36

36. Jirriżulta ukoll lill-Qorti illi fl-ittra tan-nuqqas ta' oġġezzjoni tiegħu, s-Sovritendent tal-Patrimonju Kulturali jikkonferma li s-sit jinkludi: *"Second World War structures consisting of living quarters and an observation post".*

37. Mill-pjanti annessi jirriżulta lill-Qorti illi apparti l-ispustament u r-restawr tal-istrutturi ex-militari, l-iżvilupp ġdid ma' kienx ser ikun insostanzjali għalkemm f'dan ir-rigward kien ser ikun hemm tentattivi sabiex l-bini ġdid ma' jkunx viżibbli ħafna mill-pubbliku u ma' jeċċedix l-għoli ta' sular. Żgur m'huwiex il-każ illi kien ser ikun hemm biss "*addizzjonijiet żgħar*" kif donnu ried jimplika l-intimat fis-xhieda tiegħu.

38. Peress illi l-applikazzjoni kienet ġiet irtirata fi stadju bikri mir-rikorrent, il-*Case Officer* assenjat ma' laħaqx wettaq l-inkarigu tiegħu u għalhekk il-Qorti m'għandha l-ebda indikazzjoni jekk l-applikazzjoni kienet ser tkun *recommended for approval* jew le.

39. Fir-rigward ta' dak li jipprovdi r-**Rural Policy and Design Guidance** l-Qorti tara illi għalkemm ingħad min-naħa tal-intimat li kien hemm iżjed minn *policy* waħda li setgħet tapplika għall-iżvilupp in kwistjoni, b'mod realistiku l-akbar ċans li kellu kien illi tiġi applikata Policy 6.2A.

40. Taħt Policy 6.2A, jidher mad-daqqa t'għajn illi l-applikazzjoni setgħet tissodisfa l-kriterji 1, 3, 4, 5 u 6 għalkemm taħt il-kriterju 3 seta' forsi tqajjem argument dwar kemm il-proġett propost ma' kienx ser jinvolvi *"substantial re-building".* Fir-rigward tal-kriterju numru 2, l-applikant kellu jissodisfa imqar waħda minn ħames sub-kriterji dwar il-*converted building*. Il-Qorti tara illi minn dawn il-ħamsa, l-ewwel u l-ħames kriterji ma' kienux applikabbli. Madanakollu t-tlieta l-oħra, fosthom dik illi: "*the converted building shall be limited to ... d) a dwelling (even if the former use was not residential), provided the existing building to be converted has a minimum habitable area of 100m² (habitable area refers to the roofed internal space between walls) …",* setgħu japplikaw.

41. Il-Perit Ian Cutajar imressaq mill-intimat saħaq li *"jekk wiehed telaq li kien hemm residenza, lanqas dik il-kamra ma kellu bzonn. Ghax la darba tkun residenza, konoxxuta u legali, ghax tmur lura certu zmien, inti tista' tkabbar sa two hundred*

*square meters"*[35] Hawnhekk ix-xhud kien qed jirreferi għal Policy 6.3, li tapplika biss għal *"existing dwelling outside development zone"*. Il-Qorti ma' tarax però kif din il-*policy* setgħet tapplika. Ibda biex l-istrutturi in kwistjoni ċertament ma' jistgħux jitqiesu bħala *"existing dwelling"* u lanqas ma' jista jitqies illi l-istrutturi, għalkemm mhux skedati, m'humiex ta' valur storiku jew ta' *"other significance".*

42. Fir-rigward ta' dak li xehed ukoll l-istess Perit, fis-sens illi l-Awtorità ġieli tat permessi f'każijiet fejn l-iżvilupp propost ikun "infill site" bejn żewġ residenzi, il-Qorti tara li din il-possibilita' ġiet kontemplata mill-applikant innifsu tant illi fir-*Restoration Method Statement* il-Perit tiegħu kienet ġibdet l-attenzjoni proprju għal fatt illi sal-1957 *"the villa to the east had already been developed ... as had been the residential buildings to the west".*[36]

43. Jirriżulta lill-Qorti għalhekk illi għalkemm l-applikazzjoni għall-iżvilupp mir-rikorrent setgħet possibbilment taqa' f'parti mill-parametri stabbiliti taħt *policies* oħra, l-iktar *policy* li setgħet tapplika kienet il-Policy 6.2A. F'din il-Policy, kif ġa ngħad, l-applikant kien jeħtieġlu jissodisfa sitt kriterji tassattivi b'waħda minnhom tkun dik illi l-binja konvertita tkun limitata għal waħda (jew iżjed) minn ħames skopijiet jew possibiltajiet. Il-Qorti tara li minn dawn il-ħamsa, l-iżjed waħda li setgħet tapplika kienet dik illi *"the existing building to be converted has a minimum habitable area of 100m²".* Għalhekk il-Qorti xi ftit jew wisq taqbel mal-argument tal-intimat illi r-rikorrent ħtieġlu jissodisfa dan ir-rekwiżit sabiex il-proposta tiegħu tiġi kkunsidrata b'mod favorevoli.

44. Dwar l-eżistenza *o meno* tal-kamra fin-naħa tal-lvant lejn id-daħla prinċipali tas-sit, il-Qorti għandha quddiemha xhieda kuntrastanti. Filwaqt li min-naħa tal-Awtorità nnifisha sar studju/rapport intern li juri illi kull ma' kien hemm fil-passat f'dik iż-żona kien ħajt jew ħitan tas-sejjieħ, min-naħa tax-xhieda tar-rikorrent, dan ma' kienx sempliċi ħajt iżda kien hemm il-fdalijiet ta' kamra li ġġarrfet maż-żminijiet. Fi kliem il-Perit ingaġġata mir-rikorrent sabiex tħejji r-*Restoration Method Statement* din kienet addirittura "*a guard room"* u fil-pjanti annessi mal-applikazzjoni il-kamra ġiet indikata (għalkemm ma' ġietx annotata) b'mod ċar [37].

[35] Fol 85-86
[36] Fol 35
[37] Fol 66

45. Il-Qorti f'dan l-istadju ma' tarax li għandha għalfejn tidħol fil-mertu ta' din il-kwistjoni ġaladarba jidher ċar illi din hija suġġetta għall-interpretazzjoni diversa, mhux l-inqas għaliex hawnhekk *si tratta* ta' interpretazzjoni ta' ritratti meħuda mill-arja nofs seklu ilu bit-teknoloġija li kienet teżisti dak iż-żmien! Li jimporta għall-Qorti f'dan l-istadju huwa illi tiddetermina jekk l-applikazzjoni nnifisha tabilħaqq għandiex "xamma frawdolenti" u dan għaliex proprju waħda mill-eċċezzjonijiet mressqa mill-intimat kienet dik tal-verità tal-fatti.

46. Il-kliem "xamma frawdolenti" għandhom jiġu interpretati fil-kuntest tal-kliem l-ieħor użat fl-artikolu partikolarment il-kliem "*jivvinta fl-applikazzjoni*" u "*ħoloq kamra li ma' tidher imkien*".

47. Fir-rigward tal-"*Ordinary Meaning of Words*" u s-"*Single Meaning*" tagħhom fil-liġi komuni Ingliża, il-Gatley jgħid hekk:

"*While some indication, express or implied, of what underlies the alleged comment is necessary the ultimate question on whether the words are comment or fact is how they would strike the ordinary, reasonable reader and it is unlikely that any attempt to formulate general principles of construction will be of much help, especially bearing in mind that any particular statement must be taken in the context of the piece as a whole… Context: Words must always be read in their context and the context of the piece as a whole may point to the conclusion that words which could, taken literally, be statement of fact are comment.*"[38]

48. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales, **Gillick v Brook Advisory Centres & Anor [2001] EWCA Civ 1263** il-Qorti kienet ikkwotat lill-Qorti tal-Ewwel Istanza (Imħallef J. Eady):

*"Eady J produced what, if I may respectfully say so, was an impeccable synthesis of the authorities in this area of the law when directing himself as to the approach he should adopt to the respondents' application. I can do no better than to repeat this:*
*"The proper role for the judge when adjudicating a question of this kind is to evaluate the words complained of and to delimit the range of meanings of which the words are reasonably capable, exercising his or her own judgment in the light of the principles*

[38] Gatley on Libel and Slander (11th edition), (2008), The Common Law Library, ed. Milton P et. al., para.12.10-12.11, p. 346

*laid down in the authorities ... If the judge decides that any pleaded meaning falls outside the permissible range, then it will be his duty to rule accordingly. In deciding whether words are capable of conveying a defamatory meaning, the court should reject those meanings which can only emerge as the produce of some strained or forced or utterly unreasonable interpretation. The purpose of the new rule is to enable the court to fix in advance the ground rules and permissible meanings, which are of cardinal importance in defamation actions, not only for the purpose of assessing the degree of injury to the claimant's reputation but also for the purpose of evaluating any defences raised, in particular, justification and fair comment.* ***The court should give the article the natural and ordinary meaning which it would have conveyed to the ordinary reasonable reader reading the article once*** (emfażi miżjuda mill-Qorti)*. Hypothetical reasonable readers should not be treated as either naive or unduly suspicious. They should be treated as being capable of reading between the lines and engaging in some loose thinking, but not as being avid for scandal.* ***The court should avoid an over-elaborate analysis of the article, because an ordinary reader would not analyse the article as a lawyer or accountant would analyse documents or accounts*** (emfażi miżjuda mill-Qorti)*. Judges should have regard to the impression the article has made upon them themselves in considering what impact it would have made on the hypothetical reasonable reader.* ***The court should certainly not take a too literal approach to its task****.* (emfażi miżjuda mill-Qorti)"

49. Fis-sentenza tal-*High Court* tal-Ingilterra u Wales fl-ismijiet **Lowe v Associated Newspapers Ltd | [2006] 3 All ER 357** ġie ikkonfermat ukoll illi d-duttrina tat-tifsira singulari tapplika ukoll għall-każijiet tad-difiża tal-*fair comment* minkejja li f'dik il-kawża kienet saret talba speċifika lill-Qorti appuntu sabiex teskludi l-applikazzjoni tad-duttrina f'tali każijiet.

50. Il-Qorti tqis, anke minn dak li baqa' jinsisti l-intimat fil-kors tal-kawża, illi hemm tifsira waħda illi bniedem ta' intelliġenza ordinarja seta' raġjonevolment jagħti lill-pubblikazzjoni in kwistjoni u din hija li l-intimat kien qed jattribwixxi t-twettiq ta' reat kriminali lir-rikorrent fis-sens illi skond l-intimat dan kien parteċipi f'ħadma sabiex jinganna lill-Awtorità u jieħu dak li ma' kienx mistħoqq lilu skond il-liġi.

51. F'dan ir-rigward, mill-provi li ġew imressqa quddiemha, għalkemm joħroġ illi l-applikant (l-intimat) ħa ħsieb li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu bl-aħjar mod possibbli u **forsi** (għalkemm anke din hija dibattibbli) b'interpretazzjoni skorretta, madanakollu ma' jirriżultax illi din kienet minnha nnifisha xi tentattiv frawdolenti

sabiex l-Awtorità tiġi ngannata u b'hekk toħroġ permess lir-rikorrenti fuq premessi foloz.

52. Il-Qorti lanqas ma' tista' tara kif l-intimat seta' b'mod raġjonevoli jasal għall-konklużjoni illi r-rikorrent "ipprova jinganna" lill-Awtorità' billi jivvinta kamra fejn ma' kienx hemm. Ir-*Restoration Method Statement* li ġie ippreżentat mal-applikazzjoni nnifisha, għalkemm jagħmel riferenza għall-kamra ossia *guard room* in kwistjoni, m'huwiex mibni prinċipalment fuq din il-kamra u filfatt jitratta ukoll diversi temi oħra inkluż l-isfond storiku tas-sit in kwistjoni.

53. Il-Qorti tasal biex tgħid ukoll illi tenut kont il-filtri differenti (li għalihom diġa sar aċċenn iżjed 'l fuq) li applikazzjoni għal żvilupp trid tgħaddi minnhom, fosthom il-*Case Officer* u l-Kummissjoni tal-Iżvilupp (u possibbilment ukoll it-Tribunal għal Reviżjoni, f'każ ta' appell), huwa inverosimili kif kwalunkwe applikant f'dawn iċ-ċirkustanzi jista' joħloq xi strategemma li biha biss jista' jirnexxielu jinganna lill-Awtorità sabiex toħroġlu permess tal-iżvilupp.

54. Il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tqis l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-intimat fl-isfond tal-kunsiderazzjonijiet appena magħmula minnha.

**Id-difiża tal-verità tal-fatti**

55. L-intimat eċċepixxa l-*exceptio veritatis* u ċioe filwaqt li qed jieħu r-responsabiltà ta' dak li ġie ppubblikat qed jgħid illi l-kliem li ġew ippubblikati jikkonsistu f'fatti veritieri . Din id-difiża hija rregolata mill-Artikolu 12 tal-Kap. 248 li fost affarijiet oħra jipprovdi illi l-prova tal-verità tal-fatti attribwiti hija ammessa biss fil-każ li l-persuna offiża taqa' taht waħda jew iktar mill-ħames kategoriji elenkati u cioe:

    1. *Tkun uffiċjal jew impjegat pubbliku u l-fatti attribwiti lilha huma dwar l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha; jew*

    2. *Tkun kandidat għal kariga pubblika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-onesta, il-ħila jew il-kompetenza tagħha li tokkupa dik il-kariga; jew*

    3. *Abitwalment teżerċita professjoni, arti jew sengħa, u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa; jew*

    4. *Tieħu parti attiva fil-politika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar il-parti li hi tieħu fil-politika; jew*

5. *Jkollha kariga ta' fiduċja fi kwistjoni ta' interess pubbliku ġenerali.*

56. M'hemmx dubbju illi r-rikorrent bħala, dak iż-żmien, Membru Parlamentari, kien jaqa' minn tal-inqas taħt waħda mill-kategoriji msemmija u għalhekk din l-eċċezzjoni setgħet titqajjem b'mod validu fil-konfront tieghu. Jibqa' naturalment neċessarju l-eżerċizzju dwar jekk l-intimat irnexxielux bil-provi li ressaq tul din il-kawża isostni din l-hekk imsejjħa *exceptio veritatis.*

57. Kif ingħad mill-Gatley:

*"Where the defendant pleads justification simpliciter the burden lies on him to prove the truth of the words in their natural and ordinary meaning. A plea of justification means that all the words were true and covers not only the bare statements of facts in the alleged libel but also any imputation which the words in their context may be taken to convey…The defendant will establish his plea if he proves that the gist or sting of the libel is true…"*[39]

58. Dwar id-difiża tal-verità tal-fatti ("plea of justification") il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sostniet fis-sentenza fl-ismijiet '**Brian Ebejer v. Dennis Degiorgio'** (Referenza: 2066/1998/1JRM deciza fid-29 ta' Settembru 2011) li: "*irid jingħad li meta l-parti mħarrka tistrieħ fuq eċċezzjoni bħal dik, titfa' fuqha nnifisha r-responsabbiltà' kollha tal-malafama maħluqa bil-pubblikazzjoni li tkun. Fl-istess ħin, tidħol għall-piż li turi kif jixraq li l-fatti msemmija f'tali pubblikazzjoni jkunu sostanzjalment minnhom. Huwa f'dan ir-rigward stabbilit li 'in order to succeed upon a plea of justification the onus lies upon the defendant to prove that the whole of the defamatory matter complained of, that is to say the words themselves and any reasonable inference to be drawn from them, are substantially true. ... for the defence to be successful it is not necessary that every 't' should be crossed and every 'i' dotted; it is sufficient if the substance of the libellous statement be justified'*"[40]

59. Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet: '**Alex Torpiano et. pro et noe v. Jose' Herrera'** (ECLI:MT:AINF:2017:104601 deciza fit-30 ta' Jannar 2017), il-Qorti tal-Appell

---

[39] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 8th ed., paras. 1389-1390, pp. 568-569.
[40] Fil-paragrafu kkwotat, l-Onor Imħallef Joseph R. Micallef kien ikkwota ukoll bran minn *"Carter Ruck Libel and Slander (3rd Edit.) paġna 86"*

(Inferjuri) qieset: *"Illi huwa meqjus li s-suċċess tal-prova ta' din it-"tingiża" tal-libell ma jseħħx biss billi wieħed jallega fatti ġeneriċi jew mhux marbuta mal-kliem użat fil-pubblikazzjoni impunjata, iżda jridu jkunu fatti li jsejsu dak li jkun inkiteb. Il-fatt pruvat irid ikun ġrajja li seħħet u mhux sempliċi stħajjil f'moħħ min ikun fassal il-pubblikazzjoni, ikun kemm ikun konvint li jemmen dak l-istħajjil. 'A writer of libellous matter sometimes seeks to excuse himself by saying that he believed in the truth of the imputation; but this belief – however honest – is wholly irrelevant in regard to deciding upon liability, although such belief may be of value as evidence in mitigation of damages'".*

60. Kif ġa ngħad mill-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, l-allegazzjoni prinċipali illi r-rikorrent kien parteċipi f'applikazzjoni "frawdolenti" hija waħda mhux fondata, la fil-fatt innifsu u wisq anqas fid-dritt, u għalhekk din l-eċċezzjoni ma' tistax tintlaqa.

**Id-dritt ta' kronaka**

61. Eċċezzjoni oħra mressqa mill-intimat hija dik illi r-rikorrent għandu "mhux biss ... id-dritt iżda ghandu d-dmir Ii jinforma l-pubbliku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku u politiku, u kwalsijasi limitazzjonijiet ghat-tali jedd jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu, ossijja d-dritt tal-liberta tal-espressjoni u l-liberta gurnalistika in ġenerali".

62. Il-Qorti ċertament taqbel illi li Membru Parlamentari ikun ipparteċipa f'att li jmur kontra l-liġi, partikolarment att li possibbilment jikkonsisti f'delitt kontra l-fiduċja pubblika, hija materja ta' interess pubbliku u politiku.

63. F'dan ir-rigward intqal mill-Qrati tagħna illi

*"fejn għandu x'jaqsam ma' ġurnaliżmu investigattiv serju kemm il-Qrati Maltin u kif ukoll il-Qorti ta' Stasbourg jagħtu għarfien lill-fatt li l-jedd ta' kronaka mibni fuq ġurnaliżmu serju jagħti ħarsien wiesa' lill-ġurnalist taħt l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Dan ukoll fejn il-pubblikazzjoni tkun milquta minn xi żball jew ineżattezza ġenwina, imbasta tkun magħmula b'mod serju u prudenti fuq ħaġa ta' interess pubbliku, bla ħsieb jew mottiv ulterjuri u li l-kontenut ikun wieħed ġust ("fair") u li meta jkun hemm*

*ċaħda jew spjegazzjoni ta' dak ir-rapportaġġ mill-persuna milquta bih, il-ġurnalist iġib ukoll tali ċaħda jew spjegazzjoni fl-imsemmi rapportaġġ*[41]*"*

*"hija regola dottrinali tal-materja aġitata, konfermata wkoll mill ġurisprudenza, illi d divulgazzjoni ta' aħbar permezz ta' stampat jew pubblikazzjoni hi konsiderata bħala eżerċizzju leċitu tad-dritt ta' kronaka. Dan l eżerċizzju però jibqa' hekk leċitu sakemm jikkorrispondu u jikkonverġu fih dawn l-osservanzi prinċipali: (a) il-verità tal-fatti esposti riżultant minn riċerka serja, diliġenti u kompleta; (b) ir-rakkont irid ikun neċessarju għas-sodisfazzjon ta' l interess pubbliku li jkun mgħarraf b'fatti determinati ta' rilevanza politika jew soċjali; (ċ) il-kritika trid tkun miżmuma f'termini korretti u miżurati b'mod li ma titraxxendiex f'aggressjoni personali jew invettiva."*[42]

64. Kemm mis-sentenzi tal-Qrati tagħna u kemm mill-insenjament tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta ċar illi d-dritt ta' kronika huwa protett biss meta l-kronaka tkun neċessarja għas-sodisfazzjoni tal-interess pubbliku jew inkella tirrigwarda affarijiet li huma ta' *public concern.*

65. Fil-każ in kwistjoni, huwa dibattibbli kemm l-intimat wettaq riċerka *"serja, diliġenti u kompleta"* sabiex wasal għall-konklużjonijiet tiegħu. Dan qed jingħad għaliex għalkemm li l-artikolist jgħid li ħa pariri ta' persuni tekniċi u li anke mar personalment iżur is-sit in kwistjoni, madanakollu l-informazzjoni li kiseb partikolarment fid-dawl tal-mod kif taħdem l-Awtorità u tal-mod kif applikazzjonijiet ta' din ix-xorta min-natura tagħhom jistgħu ikunu suġġetti għal iżjed minn interpretazzjoni waħda, ma' kienetx la kompleta u lanqas korretta. Għalhekk il-Qorti ma' tarax kif din l-eċċezzjoni tista' tintlaqa.

**Kummenti ġusti (fair comments***)*

66. Fis-sentenza **London Artists Ltd. v. Emile Littler** (England and Wales Court of Appeal – Civil Division – 10.12.1968) il-mibki Lord Denning qal hekk:

"*The second point is whether the allegation of a "plot" was a fact which the defendant had to prove to be true, or was it only comment? In order to be fair, the commentator must get his basic facts right. The basic facts are those which go to the pith and*

[41] App. Ċiv. 26.3.2010 fil-kawża fl-ismijiet **Norman Beżżina vs Joe Mifsud** kif ikkwotata fis-sentenza **Louis Galea v. Etienne St. John et.** (946/1997/1 JRM, PA, 30/04/2015)
[42] **Albert Caruana v. Gino Cauchi** (App. Ċivili Nru. 775/02, 23/06/2004)

*substance of the matter: see Cunningham-Howie v. Dimbleby [1951] 1 K.B. 360, 364. They are the facts on which the comments are based or from which the inferences are drawn - as distinct from the comments or inferences themselves. The commentator need not set out in his original article all the basic facts: see Kemsley v. Foot [1952] A.C. 345; but he must get them right and be ready to prove them to be true. He must indeed afterwards in legal proceedings, when asked, give particulars of the basic facts: see Burton, v. Board [1929] 1 K.B. 301; but he need not give particulars of the comments or the inferences to be drawn from those facts. If in his original article he sets out basic facts which are themselves defamatory of the plaintiff, then he must prove them to be true: and this is the case just as much after section 6 of the Defamation Act, 1952, as it was before. It was so held by the New Zealand Court of Appeal in Truth (N.Z.) Ltd. v. Avery [1959] N.Z.L.R. 274, which was accepted by this court in Broadway Approvals Ltd. v. odhams Press Ltd. [1965] 1 W.L.R. 805. It is indeed the whole difference between a plea of fair comment and a plea of justification. In fair comment he need only prove the basic facts to be"*

67. Dwar din id-difiża Gatley jgħid kif ġej:

*"To succeed in a defence (of fair comment) the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. However, an inference of fact from other facts referred to may amount to a comment. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of, at least to the extent of indicating that what is being stated is comment Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If the Claimant can show that the comment was actuated by malice (which for this purpose means that the defendant was not expressing his genuine opinion) he will defeat the plea. It is not enough, however, to show that the comment was prejudiced or exaggerated or "unfair'' in the ordinary sense of that word."* [43]

68. Fis-suċċint, l-elementi tad-difiża tal-*fair comment* skond Gatley kif sussegwentement elaborati mill-Qrati tagħna[44] huma ħamsa:

[43] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 11th ed., pagna 336
[44] Ara perezempju **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** (Rif Nru 946/1997 JRM deciza fit 30 ta' April 2015)

1. Il-kumment irid ikun ġie msejjes fuq fatti li jkunu ssemmew fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment;
2. Il-fatti imsemmija jridu ikunu sostanzjalment veri;
3. Jekk il-kumment ikun dwar imputazzjoni ta' motivi korrotti jew dizonesti irid jintwera li dan il-kumment kien ġustifikabbli jew mistħoqq;
4. Il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u
5. Il-kumment irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma tkunx saret b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.

69. Issa kif diġà ingħad iktar 'l fuq, l-allegazzjoni prinċipali fl-artiklu lamentat u ċioe dik illi r-rikorrent ipprova jinganna jew juża qerq sabiex jippreżenta applikazzjoni "b'xamma frawdolenti" irriżultat li hija sostanzjalment skorretta. Il-Qorti taqbel illi l-kuntest li fih inkiteb l-artiklu huwa "*a matter of public interest*". Madanakollu dan waħdu mhux biżżejjed biex jiġġustifika d-difiża tal-fair comment meta l-allegazzjoni prinċipali li għamel l-intimat, *"that which goes to the pith and substance of the matter"*, irriżultat li kienet skorretta.

70. Il-Qorti għalhekk ma tqisx illi l-artikolu fit-totalità' tiegħu jikkonsisti f'kummenti ġusti u għalhekk lanqas din l-eċċezzjoni m'hija qed tiġi milqugħa.

**Prova tal-ħsara sofferta**

71. L-intimat finalment jeċċepixxu ukoll illi "*r-rikorrenti għandu f'kull każ jipprova l-ħsara Ii huwa sofra għar-reputazzjoni tiegħu*".

72. Tajjeb jingħad illi fil-*common law* kliem inġurjuż li jatribwixxu t-twettiq ta' reat kriminali ta' ċertu portata huma *"actionable per se"* u l-Qorti ma' jkollix għalfejn tindaga jekk il-kliem effettivament ikkawżawx ħsara lill-persuna malafamata:

*"Spoken words are also defamatory when the imputation cast by them on the plaintiff is on the face of it so injurious that the Court will presume, without any proof, that his reputation must be impaired thereby. And the Court will so presume in three cases :-*

*1. Where the words charge the plaintiff with the commission of some indictable offence ...*

*... Spoken words, which impute that the plaintiff has been guilty of an indictable offence, are actionable without proof of special damage"*[45]

73. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: '**Lawrence Pullicino v. Victor Camilleri et**.' (App. Civ. Nru. 992/1997/1 – 28.03.2014):

*"... din il-Qorti tara li għandha tibda biex tafferma li mhux kull allegazzjoni ta' fatt, li jirrizulta li mhux veru, għandu jitqies li hu malafamanti. Il-malafama timmanifesta ruħha meta ssir ħsara għar-reputazzjoni ta' dak li jkun; jista' jkun li dak li jkun ippubblikat ma jkunx "fair", iżda dan ma jfissirx neċessarjament li dik il-pubblikazzjoni tkun inġurjuża għad-dinjita` ta' dik il-persuna ... L-enfasi hija fuq il-ħtieġa li l-allegazzjonijiet ikunu malafamanti, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-persuna milquta u l-fama tieghu"*

74. Ġie stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza nostrana[46] u anke dik Ingliża illi biex wiehed jiddetermina jekk kliem humiex malafamanti jew le wiehed għandu japplika t-test tal-bniedem ragjonevoli dotat b'intelligenza ordinarja. Fi kliem Lord Reid fil-kawza **Lewis v. Daily Telegraph**[47]:

*"What the ordinary man would infer without special knowledge has generally been called the natural and ordinary meaning of words. But that expression is rather misleading in that it conceals the fact that there are two elements in it. Sometimes it is not necessary to go beyond the words themselves, as where the claimant has been called a thief and a murderer. But more often the sting is not so much in the words themselves as in what the ordinary man will infer from them, and that is also regarded as part of their natural and ordinary meaning."*

75. Il-Qorti tagħmel referenza ukoll għal dak li jgħid il-Gatley f'dan ir-rigward:

*"While some indication, express or implied, of what underlies the alleged comment is necessary the ultimate question on whether the words are comment or fact is how they*

---

[45] Odgers, W B. *A Digest of the Law of Libel and Slander: with the Evidence, Procedure, Practice and Precedents of Pleadings, both in Civil and Criminal Cases*. 1881, p. 54, 55
[46] Ara per ezempju **L-Avukat Dottor Louis Galea v. Frans Ghirxi** (Rif Nru 947/1997/2 deciza fid-19 ta' April 2005)
[47] [1964] A.C. 234, 258.

*would strike the ordinary, reasonable reader and it is unlikely that any attempt to formulate general principles of construction will be of much help, especially bearing in mind that any particular statement must be taken in the context of the piece as a whole…*

*Context: Words must always be read in their context and the context of the piece as a whole may point to the conclusion that words which could, taken literally, be statement of fact are comment."*[48]

76. It-titolu u s-sottotitoli tal-artiklu in kwistjoni u l-kontenut tiegħu jalludi għat-twettiq ta' aġir kriminali minn membru parlamentari. Il-Qorti tinnota li l-intimat żamm ferm mal-artiklu tiegħu u reġa' sostnih matul ix-xhieda tiegħu. L-*animus iniuriandi* huwa preżunt meta l-kliem li jingħad ikun inġurjuż. Din il-preżunzjoni hija iuris tantum li sservi biex tixhed fuq l-intimat l-piż tal-prova kuntrarja eskludenti dak l-*animus*. Il-*bwona fede* tad-diffamatur ma għandiex x'taqsam. Ghax xejn ma jservi lilu li jipprova li hu jaħseb li l-addebitati minnu magħmul kien veru. Darba mogħtija l-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti l-unika ħaġa li tista' issostniha hi l-prova oġġettiva tal-verità tal-fatti, u xejn ma għandha x'taqsam il-prova ta' l-istat suġġettiv taċ-ċertezza tad-diffamatur.[49]

77. Il-Qorti tħoss illi anke jekk is-suġġett kien ta' interess pubbliku, madanakollu r-rikorrent safa mċappas pubblikament b'mod li r-reputazzjoni tiegħu ġiet imtappna. L-intimat kien diġa, xi ġimgħatejn qabel il-pubblikazzjoni msemmija, ippubblika artiklu li permezz tiegħu ġustament informa lill-pubbliku bil-fatt illi r-rikorrent kellu "*applikazzjoni ODZ*". S'hawnhekk l-intimat kien wettaq dmiru ta' ġurnalist u minn hemm 'l quddiem seta' faċilment, kieku ried illi jkompli jiżviluppa l-istorja u joħloq iżjed pressjoni politika, jiżvolġi l-argument politiku dwar kemm kien xieraq illi membru parlamentari b'funzjonijiet relatati mal-ħarsien tal-ambjent japplika għal permess barra miż-żoni ta' żvilupp. Minflok, l-intimat kif jingħad fl-Ingliż "*shot from the hip"* u ppubblika artiklu illi mar 'l hinn minn kritika ġustifikata peress illi addebita lir-rikorrent b'aġir kriminali ineżistenti.

---

[48] Gatley on Libel and Slander (11th edition), (2008), The Common Law Library, ed. Milton P et. al., para.12.10-12.11, p. 346
[49] **Perit Joseph Boffa vs John A. Mizzi** (QTA:CIV:285:1994:2 deciza fil-21 ta' Gunju 2005)

78. Għal kull bwon fini tajjeb jiġi preċiżat mill-Qorti illi, kontra dak li xehed ir-rikorrent innifsu, huwa **<u>ma' rtirax l-applikazzjoni in kwistjoni</u>** wara li ġie ppubblikat l-artikolu mertu ta' din il-kawża iżda għamel hekk xi ftit jiem qabel, sewwasew wara li xi ġimgħatejn qabel, l-intimat kien żvela f'artikolu ieħor illi r-rikorrent kellu applikazzjoni ta' żvilupp pendenti f'żona ODZ.

**Kwantum tad-danni**

79. Fir-rigward tad-danni taħt il-Kap. 248, din il-Qorti tgawdi minn diskrezzjoni meta tiġi biex tillikwidahom stante illi dawn huma ta' natura morali u ma' jirrappreżentawx telf attwali. Madanakollu kif inghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Andrew Borg Cardona et v. Aaron Farrugia'</u>** (ECLI:MT:AINF:2018:114767 – 18.12.2018 – Imħallef Anthony Ellul):

*"jkun iktar floku jekk f'kawża ta' libell l-ewwel qorti fis-sentenza tagħti r-raġunijiet li jkunu wassluha biex tillikwida s-somma li tikkundanna lill-konvenut iħallas. Hemm diversi raġunijiet, bħal per eżempju:*

- *In-natura u s-serjetà tal-allegazzjoni li tkun saret fid-dikjarazzjoni malafamanti;*
- *Il-mezz tal-pubblikazzjoni;*
- *Kemm id-dikjarazzjoni malafamanti tkun inxterdet;*
- *Li l-awtur ikun għamel apoloġija jew offra li jagħmel apoloġija;*
- *Provi dwar ir-reputazzjoni tal-attur;*
- *Fejn il-konvenut ikun invoka l-verità tal-fatti, jekk parti mill-fatti li jkun ġew imxandra jkunu rriżultaw li huma veri;"*

80. Il-Qorti tikkunsidra illi l-allegazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrenti m'humiex leġġeri u ċertament kienu malafamanti fil-konfront tiegħu. L-artikolu ġie ppubblikat *in parte* fuq il-faċċata ta' ġurnal ta' partit politiku ewlieni li joħroġ nhar ta' Ħadd u b' tipa prominenti. L-intimat ma' offra l-ebda apoloġija u anzi baqa' jinsisti fuq il-mertu tal-pubblikazzjoni matul il-proċess kollu tal-kawża. Fir-rigward tar-reputazzjoni tar-rikorrent il-Qorti diġa trattat din il-materja ftit 'l fuq f'din is-sentenza. Il-Qorti tikkunsidra ukoll illi minħabba l-posizzjoni pubblika u politika li kien (u għadu) jokkupa r-rikorrent fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-artikolu, l-livell ta' kritika lejh seta' jkun ferm ogħla minn dak li jsir fir-rigward ta' persuni oħra. Naturalment din ma' tiġġustifikax il-ħażin li sar meta din il-kritika ġiet ibbażata fuq fatti skorretti.

81. Meħuda dawn l-elementi kollha in konsiderazzjoni l-Qorti tikkunsidra li fiċ-ċirkustanzi s-somma li għandha tiġi likwidata bħala danni taħt l-Artikolu 28(1) tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik ta' elf euro (€ 1,000).

**Deċiżjoni**

82. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u tilqa' t-talba tar-rikorrenti b'dan illi:**

1. **Tiddikjara illi l-artiklu bit-titolu "*Bezzina jivvinta fl-applikazzjoni",* il-kliem tas-sub-titolu *"Esperti jispjegaw xamma ta' applikazzjoni 'frodulenti'"* u l-artiklu kollu meħud fl-intier tiegħu kif ippubblikat fil-ġurnal "KullĦadd" (ħarġa tas-26 ta' Frar 2017), ta' liema gazzetta l-intimat huwa l-editur, huwa libelluż u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent billi esponewh għad-disprezz u redikolu tal-pubbliku.**

2. **Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrent is-somma ta' elf euro (€ 1,000) bħala danni likwidati minn din il-Qorti taħt l-Artikolu 28(1) tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-imgħaxijiet legali dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż kontra l-intimat.**

V.G. Axiak | Y.M. Pace

Maġistrat | Dep. Reġistratur